2024/1884

11.7.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1884

tal-10 ta' Lulju 2024

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2126 fir-rigward tal-kwantitajiet totali ta' kwoti tal-EU ETS ikkanċellati li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/842 jipprevedi l-possibbiltà li titqies kanċellazzjoni limitata ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-EU ETS għall-konformità ta' ċerti Stati Membri skont l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament (il-"flessibbiltà tal-ETS").

(2) L-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2126 ([2]) jistabbilixxi l-kwantitajiet totali li jistgħu jintużaw għall-flessibbiltà tal-ETS skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2018/842. L-għadd totali ġie ddeterminat bl-applikazzjoni tal-perċentwali nnotifikati mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2019 skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2018/842 għall-valuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkalkolati għall-2005.

(3) Wara l-emenda tar-Regolament (UE) 2018/842 bir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-perċentwal massimu ta' flessibbiltà tal-ETS ta' Malta għas-snin 2025–2030 żdied minn 2 % għal 7 %. Barra minn hekk, xi Stati Membri ngħataw opportunità ġdida biex jinnotifikaw lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2023 dwar jekk kellhomx l-intenzjoni li jużaw jew ikomplu jużaw il-flessibbiltà tal-ETS għall-perjodu 2025–2030.

(4) Sal-31 ta' Diċembru 2023, Malta u l-Iżvezja nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-użu maħsub tagħhom ta' din il-flessibbiltà. Għalhekk, jenħtieġ li l-kwantitajiet li għandhom jintużaw għall-flessibbiltà tal-ETS stabbiliti fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2126 jiġu emendati għal dawk iż-żewġ Stati Membri.

(5) Il-kwantitajiet addizzjonali għal dawn iż-żewġ Stati Membri li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' Stat Membru skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 jiġu ddeterminati bl-applikazzjoni tal-perċentwali għall-perjodu 2025–2030, kif innotifikat skont l-Artikolu 6(3a) u (3b) ta' dak ir-Regolament, għall-valuri tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkalkolati għall-2005 kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2126.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2126 tiġi emendata kif xieraq.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

([1]) ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/842/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2126 tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar l-istabbiliment tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu mill-2021 sal-2030 skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 426, 17.12.2020, p. 58 ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2020/2126/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u r-Regolament (UE) 2018/1999 (ĠU L 111, 26.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/857/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2126 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

""ANNESS III

Kwantitajiet totali wara t-tnaqqis tal-kwoti tal-EU ETS li jistgħu jitqiesu għall-konformità ta' ċerti Stati Membri skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842

Stat Membru	Kwantità totali f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO_2
Il-Belġju	15 423 456
Id-Danimarka	8 073 618
L-Irlanda	19 075 035
Il-Lussemburgu	4 046 475
Malta	510 300
L-Awstrija	11 398 397
Il-Finlandja	6 887 972
L-Iżvezja	5 187 421""